# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 23 ta' Settembru 2022**

**Kawza Numru: 4**

**Rikors Guramentat Numru:- 794/2022 JVC**

**Schembri & Sons Limited (C4225)**

**vs**

**Catherine Desira (ID 542679M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat bil-procedura ta' giljottina fejn is-socjeta' rikorrenti Schembri & Sons Limited talbet kif isegwi:

1. 'Illi s-socjeta' attrici hija utilista ta' bicca art sitwata fil-Qasam Industrijali ta' Hal Far u l-art tinsab immarkata bl-ittri HHF 603-L00C u ghandha kejl superficjali ta' 9740MK li ghandha l-konfini kollha jmissu ma' proprjeta tal-gvern, li s-socjeta' attrici kienet hadet b'titolu ta' cens temporanju bis-sahha tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tas-27 ta' Frar 2017, li kopja ta' liema kuntratt huwa hawn anness u mmarkat bhala Dok. A.

2. Illi l-intimata qieghda tokkupa parti minn din l-art kif jidher immarkat bl-ahmar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bhala Dok. B u dan minghajr ebda titolu validu fil-Ligi.

3. Illi fil-fehma ta' tas-socjeta' esponenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tigi deciża bid-dispensa tas-smiegh, billi fil-fehma ta' l-istess socjeta' attrici, is-socjeta' konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni xi tressaq kontra t-talba ghall-izgumbrament.

4. Illi ghalkemm il-konvenuta giet interpellata sabiex tizgombra hija baqghet inadempjenti u ma zgumbratx.

5. Dawn il-fatti huma maghrufa lill-esponenti personalment.

6. Ghalhekk kellha ssir din il-kawża.

Illi ghalhekk, ghar-ragunijiet premessi s-socjeta' attrici titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja li jinghataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha opportuni:

1. Tiddeciedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet ta' l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tikkundanna lil-konvenuta tizgombra mil-art tinsab immarkata bl-ittri HHF 603-L00C u ghandha kejl superfīcjali ta' 9740MK li taghha s-socjeta' attrici hija l-utilista bis-sahha tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tas-27 ta' Frar 2017.

Bl-ispejjeż inkluzi kontra l-konvenuta li hija min issa stess ingunta ghas-subizzjoni taghha.'

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mal-istess rikors guramentat;

Rat illi fil-verbal tallum stess l-intimata ddikjarat li qed tammetti t-talbiet tar-rikorrenti, b'dan illi talbet zmien xahar sabiex tizgombra;

Rat illi fl-istess verbal gie dikjarat ukoll illi l-partijiet qed jaqblu illi kull parti thallas l-ispejjez taghha;

Rat illi t-talbiet tar-rikorrenti per konsegwenza m'humiex kontestati u ghaldaqstant il-Qorti se tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa′ t-tieni talba u tikkundanna lill-intimata tizgombra mill-art li tinsab immarkata bl-ittri HHF 603-L00C u ghandha kejl superficjali ta' 9740 metru kwadru li taghha s-socjeta' attrici hija l-utilista bis-sahha tal-kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Joseph Debono tas-27 ta' Frar 2017 fi zmien xahar millum.

Bl-ispejjez kif miftiehem fil-verbal tallum.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**23 ta’ Settembru 2023**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**23 ta’ Settembru 2023**